MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru. 946/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**BRADY VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront ta' Brady Vella ta' 20 sena, bin Terence u Mary Ann nee' Gauci, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Mejju, 1987, residenti fil-fond imsejjah St Anthony, Triq il-Karmnu, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 220087M;

Akkuzat talli nhar l-24 ta' Frar 2007, ghall-habta ta' 7.30pm, fi Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Tarxien:

1. Ikkommetta serq ta' handbag, li fost affarijiet ohra kien fih mobile phone Nokia 6103, minn

fuq il-persuna ta’ Sharon Hamilton, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess data u/jew fil-jiem ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara telephone cellulari tal-marka Nokia 6103, li kien misruq, mehud b’qerq, jew akkwistat b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh;

3. U kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ sentenza datata 8 ta’ Ottubru, 2004, liema sentenza saret definittiva.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Brady Vella hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna lill-istess imputat Brady Vella ihallas is-somma ta’ Lm107.00 (mija u seba’ liri maltin) lil Sharon Hamilton fi zmien xahar (1), ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------